# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM'IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 30**

**Rikors Maħluf Numru 538/2009/1 SM**

**Paul Pullicino; u b'nota tal-11 ta' Ottubru 2010 assuma l-atti tal-kawża l-eżekutur testamentarju Avukat Joseph Zammit Maempel minflok Paul Pullicino li miet waqt li miexja l-kawża**

***v.***

**Id-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet**

1. Dan huwa appell tal-konvenut Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Novembru 2016 li sabitu waħdu responsabbli għad-danni li ġarrab l-attur minħabba marda li ħakmitu b'konsegwenza tal-ambjent li kien jaħdem fih fiż-żmien meta kien impjegat mat-Taqsima tax-Xogħlijiet, u għalhekk ordnat lill-konvenut sabiex iħallas lill-assi ereditarju tal-attur (billi l-attur miet waqt li miexja l-

kawża) danni ta' mitejn u erbat elef, sitt mija u tlieta u tletin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€204,633.65) b'titolu ta' *lucrum cessans*. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn:

2. Bejn it-30 ta' Novembru 1981 u t-3 ta' Jannar 1983 l-attur kien impjegat mat-Taqsima tax-Xogħlijiet bħala *full time trainee / apprentice*: kien jaħdem tliet darbiet fil-ġimgħa mat-Taqsima tax-Xogħlijiet fil-garaxx tal-gvern ta' Ħal Kirkop u fil-jumejn l-oħra tal-ġimgħa l-oħra kien imur l-iskola. Xogħlu mal-konvenut kien ta' manutenzjoni tal-vetturi tal-gvern; fl-*affidavit* maħluf minnu jfisser dan ix-xogħol hekk:

> »... ... ... Fir-rigward tal-brejkijiet ngħid illi dawn kienu biċċa xogħol komuni, u kien jikkonsisti filli jinqalgħu, jinħaslu minħabba l-*hydraulics* jekk ikun mar xi *brake-washer*, u ġieli kienu jinbidlu l-*brake linings*; jiġu irrivettjati, xkatlati xi ftit fit-truf.
>
> »Dwar il-*brakes* nispjega illi dak iż-żmien ħafna mill-karozzi kienu għad-hom bis-sistema tal-*brake shoes*, li tfisser illi dawn kienu jinbidlu u jinqalgħu meta r-*rivets* ikunu qed iħokku mad-*drum* tar-rota, u b'hekk tkun taf illi hemm bżonn bdil tal-*brake linings*. Dawn il-*brake linings* kienu magħmula mill-materjal tal-asbestos. Ngħid ukoll illi meta kien ikun hemm bżonn bdil ta' *clutches*, dawn kienu maħdumin mill-*asbestos* ukoll u kienu jiġu xkatlati waħda ħafifa minħabba xi żjut jew xi ħmieġ illi kien jitrabba fuqhom. Minħabba l-ixkatlar, kemm fuq il-*brake linings* u fuq il-*clutch linings*, dan ifisser illi kien hemm ħafna trab tal-*asbestos* qed jifforma il-ħin kollu illi kien għalhekk jitfarfar minn fuq l-oġġett li jkun qabel ma' jintramaw il-brakes jew il-clutches kif semmejt.«[1]

3. Fl-istess żmien li kien jaħdem mal-konvenut l-attur kien jaħdem ukoll *part-time* ma' ommu li kellha ħanut tal-merċa. Bejn it-2 ta' Novembru 1982 u s-27 t'April 1983 kien jaħdem ukoll *shifts* ta' bil-lejl mas-soċjetà *Golden Harvest Co. Limited*, fejn xogħlu kien fl-ippakkjar tal-ħobż. Mill-1983 'l quddiem l-attur kien jaħdem għal rasu permezz tal-kumpannija li waqqaf bl-isem *T.P.G. Malta Limited* li xogħlha kien l-importazzjoni u l-bejgħ ta' *parts*, kemm ġodda kif ukoll *second-hand*, ta' vetturi u kien ukoll iżarma

[1] *Fol*. 29

wħud minn dawn il-*parts*[2]. L-attur kien imexxi x-xogħol tal-kumpannija mhux biss bħala *manager* (kien ukoll azzjonist) iżda kien ukoll ikun preżenti ġewwa l-ħanut, jaħdem u jagħmel dak kollu li kien hemm bżonn flimkien mal-impjegati tiegħu[3].

4. F'Ġunju tal-2008 l-attur iddaħħal l-isptar bi qtugħ ta' nifs. Irriżulta li kellu *mesothelioma*, marda li taħkem biss lil min ikun f'kuntatt dirett mal-*asbestos*, partikolarment mat-trab tiegħu.

5. L-attur igħid illi qatt ma kellu kuntatt dirett mal-*asbestos* ħlief meta kien jaħdem mal-konvenut, u għalhekk il-marda ħadha minħabba fix-xogħol li kien jagħmel dak iż-żmien. Għalhekk fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara illi il-*mesothelioma* illi biha qed isofri l-attur ġiet ikkawżata unikament u esklusivament minħabba x-xogħol tiegħu mad-dipartiment konvenut bejn it-30 ta' Novembru 1981 u t-3 ta' Jannar 1983 u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tal-istess dipartiment konvenut;
>
> »2. tillikwida d-danni sofferti mill-attur, kemm *damnum emergens* kif ukoll *lucrum cessans*, … … …;
>
> »3. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur dak l-ammont illi jiġi hekk illikwidat.

6. Talab ukol l-ispejjeż u l-imgħaxijiet.

7. Il-konvenut wieġeb illi t-talbiet tal-attur huma "infondati fil-fatt u fid-dritt" għal raġunijiet li fissirhom hekk:

> »1. It-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda *stante* li t-Taqsima tax-Xogħlijiet ma taħti bl-ebda mod tal-marda *mesothelioma* li qed isofri minnha l-attur Paul Pullicino.
>
> »2. Ir-rikorrent kien jaħdem bħala apprentist mad-dipartiment għal madwar 14-il xahar li tul dan iż-żmien kien jattendi jumejn l-iskola u tliet ijiem prattika fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi … … …

---

2 *Foll.* 30 u 305.

3 Ara, b'mod partikolari, *fol*. 32.

»3. … … …ir-rikorrent kien impjegat postijiet oħra fl-istess żmien li kien apprentista mal-esponenti u anke għal ħafna snin wara.

»4. … … … hemm allegazzjoni skoretta ta' negliġenza. Bl-ebda mod it-Taqsima tax-Xogħlijiet ma aġġixiet bi traskuraġni, imperizja jew naqset milli tosserva r-regolamenti viġenti ta' dak iż-żmien dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

»5. … … … hemm dikjarazzjoni skoretta meta r-rikorrent jgħid li l-*asbestos* kien "… fil-maġġor parti tiegħu, diġà nqata' minn fuq is-suq proprju". L-*asbestos* kien dak iż-żmien użat b'mod komuni mill-kumpanniji li jipproduċu il-*brake systems* tal-vetturi. L-esponenti kien jakkwista dawn il-*breakpads* b'mod legali u regolari mis-suq kif kienu jagħmlu ukoll il-garaxxijiet l-oħra fil-privat.

»6. It-Taqsima tax-Xogħlijiet kienet dejjem tieħu il-prekawzjonijiet kollha magħrufa dak iż-żmien u li kienu parti mill-prattika ta' xogħol li kienet użata fl-isservizzjar tal-karozzi.

»7. Il-garaxxijiet fejn kien isir l-iservizzjar tal-karozzi kellhom bibien kbar jagħtu għal barra li fil-biċċa l-kbira kienu jinżammu miftuħin bil-konsegwenza li l-garaxxijiet kienu jkunu ventilati b'mod adegwat.«

8. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»… … … din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti nomine ipprova l-każ tiegħu skont il-liġi fil-limitazzjonijiet fuq rilevati, u konsegwentement, filwaqt li tirrespinġi r-risposti tal-intimat, takkolji parzjalment it-talbiet tar-rikorrenti *nomine*:

»tiddikjara li l-*mesothelioma* li biha sofra r-rikorrenti ġiet ikkawżata unikament u esklusivament minħabba x-xogħol tiegħu fuq indikat bejn it-30 ta' Novembru 1981 u t-3 ta' Jannar 1983, u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tal-istess intimat;

»tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti inkwantu għal-*lucrum cessans* fl-ammont ta' mitejn u erbat elef, sitt mija u tlieta u tletin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€204,633.65), b'dan illi tirrespinġi t-talba tar-rikorrenti fir-rigward tad-*damnum emergens stante* li ma ġietx ippruvata skont il-liġi;

»tikkundanna lill-intimat biex iħallas lir-rikorrenti *nomine* l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu preċedenti bl-ispejjeż ta' din il-proċedura kif dedotti fir-rikors ġuramentat promotur kontra l-intimat.«

9. Il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»Il-fatti kif esposti mir-rikorrenti li taw lok għall-proċedura odjerna jistgħu jiġu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

»Kien impjegat mat-Taqsima tax-Xogholijiet assenjat xogħol fil-garaxx tal-gvern ta' Ħal Kirkop. Dam jagħmel dan ix-xogħol għall-perjodu mit-30 ta' Novembru 1981 sat-3 ta' Jannar 1983 u kellu l-kariga ta' *full-time trainee / apprentice*. Ix-xogħol hemm lilu assenjat kien jikkonsisti f'tindif fuq il-makni u partijiet oħra ta' vetturi tal-gvern, fosthom brejkijiet, qlugħ ta'

makni u bdil ta' *clutches*. Il-brejkijiet kienu jinqalgħu, jinħaslu, u jinbidlu u l-*brake linings* tagħhom jiġu irrivitjati u xkattlati. Fil-perjodu in diżamina l-*brakes* kienu għadhom il-biċċa l-kbira bis-sistema tal-*brake shoes* u għalhekk, meta r-*rivets* tagħhom jibdew iħokku mad-*drum* tar-rota, kienu jinbidlu u jinqalgħu. Il-*brake linings* kienu maghmula minn materjal tal-*asbestos*. Ukoll, il-*clutches* li kien jaħdem fuqhom kienu maħdumin mill-*asbestos*, u kienu jiġu xkattlati. Riżultat tal-ixkatlar tal-*brake linings* u tal-*clutch linings* kien ikun hemm ħafna trab tal-asbestos.

»Fil-perjodu li dam jaħdem fl-imsemmi garaxx ir-rikorrenti kien jaħdem b'sistema ta' tliet ijiem xogħol u jumejn skola.

»Fl-istess garaxx fuq imsemmi kien hemm ukoll impjegati diversi mekkaniks, *supervisor* fl-uffiċju, u *garage manager*. Fl-istess xogħol fuq indikat ir-rikorrenti, bħal sħabu, kien mitlub jilbes *boiler suit* u kellhom ukoll disponibbli għalihom *hand cream* biex ineħħu iż-żejt minn fuq idejhom. Kien hemm ukoll apparat ieħor disponibbli skont in-natura tax-xogħol involut. Bħala *trainee / apprentice* ir-rikorrenti kien juża l-għodda tal-mekkanik li kien ikun assenjat miegħu. Fir-rigward tad-tindif tal-*clutches* u tal-brejkijiet ma kienu jingħataw l-ebda tip ta' ilbies protettiv jew maskri għan-nifs.

»*Stante* li ħass li din ma kinitx il-linja tiegħu, r-rikorrenti kien telaq minn dan ix-xogħol.

»Fl-istess perjodu kien jaħdem *part-time* mal-familja jqassam is-sigaretti u f'xogħol ta' *grocer*. Fil-perjodu bejn it-2 ta' Novembru 1982 sas-27 t'April 1983 kien impjegat mas-soċjetà *Golden Harvest Company Limited* assenjat fl-ippakkjar tal-ħobż. Mis-sena 1983 waqqaf kumpannija biex jimporta u jbigħ *body parts* tal-vetturi bl-isem *T.P.G. Limited*. Fl-ebda xogħol sussegwenti għal dak fil-garaxx tal-gvern ma kellu xi kuntatt dirett mal-*asbestos*.

»Madwar l-2008 iddaħħal l-isptar bi qtugħ ta' nifs. … … … irriżulta li kellu *mesothelioma*, senjatament tip ta' kancer li jiġi kkawżat esklussivament meta wieħed jiġi f'kuntatt dirett mal-*asbestos* – partikolarment mat-trab tiegħu. Dan seta' irriżulta anke jekk il-kuntratt tal-istess seta' seħħ ħafna snin qabel.

»Konsegwentement beda trattament bir-raġġi u sussegwentement bil-kimoterapija. Riżultat tal-istess kien jinżamm fl-Isptar *Boffa* għal jumejn kull tliet gimgħat.

»Din il-kura ma irriżultatx effettiva. Għalhekk il-professur kuranti beda juża kimoterapija differenti li kienet għada fi stadju ta' prova li però kienet ikkontrollat il-kanċer. Però irriżulta li din il-kura ma kinitx tingħata mis-sistema sanitarja lokali iżda kienet titħallas mill-utent. Din il-kura hekk somministrata kienet tqum lir-rikorrenti elfejn u seba' mitt euro (€2,700.00) kull tliet ġimgħat. Sa ma intavola l-proċedura odjerna kien ġà ħa sitt korsijiet minnha. Riżultat tal-ispejjeż inġenti involuti r-rikorrenti ingħata nofs l-ispejjeż tal-istess kura mill-*Community Chest Fund*. Għalhekk ir-rikorrenti ġie li ħareġ l-ammont ta' tmint elef u mitt euro (€8,100.00) personalment.

»*Nonostante* l-kura mogħtija, kien infurmat li l-*mesothelioma* mhix kurabbli. Riżultat tal-istess kellu joħroġ mix-xogħol fuq *indefinite sick leave*. Konsegwentement qiegħed jirċievi sitta u sittin euro (€66.00) fil-gimgħa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

»Riżultat tal-istess tilef ix-xogħol, b'mod partikolari proġett li kien ser jidħol għalih konsistenti fis-segwenti:

»• *end-of-life vehicles*, senjatament il-ġbir ta' vetturi li waslu fl-aħħar tagħhom u tagħmel *depollution*, *cioè* tneħħi ż-żjut, *coolants*, u affarijiet oħra perikolanti, iżżarma l-vetturi, u tesporta jew tbigħ il-materjal. Kienet ġiet intavolata applikazzjoni mal-*Malta Enterprise* għal dan; kien ġà beda jixtri apparat għal dan ix-xogħol;

»• *mechanical recycling facility*, senjatament konsistenti fi ġbir ta' kartun u *plastic* li jiġu ippakkjati f'balal bi proċess mekkanizzat u esportati. Biex isir dan ix-xogħol kien xtara kumpanija jisimha *J.K. Wilson Materials Recycling Limited* u beda jinvesti fil-makni neċessarji għall-istess. Kienet ukoll ġiet intavolata applikazzjoni mal-*Malta Enterprise* għal dan il-proġett.

»Skont ir-relazzjoni tal-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta jirriżulta sintetikament is-segwenti:

»… … … ir-rikorrenti kien qiegħed isofri minn *mesothelioma*; dan it-tip ta' tumur mhux kurabbli. Jirriżulta mingħajr l-ebda dubju li hemm rabta diretta ma' esposizzjoni għall-*asbestos* u m'għandha l-ebda relazzjoni mat-tipjip. Wara tali dijanjosi inbdiet il-kura neċessarja indikata fl-istess relazzjoni. Kien qiegħed jingħata kura paljattiva u kien baqa' jbati mis-sogħla, uġigħ fil-qafas ta' sidru … … … Ir-rikorrenti jidher li hu fi stat fraġili, u nifsu jinqata' malajr mal-anqas sforz. Il-pulmun jiffunzjona fil-livell ta' madwar ħamsin fil-mija (50%) tal-valur previst għat-tul u għall-età tar-rikorrenti. Il-*mesothelioma* tirrispondi limitatament għat-trattament; il-pronjosi hi estre-mament riżervata.

»B'aktar approfondiment l-istess espert mediku nominat jispjega s-seg-wenti:

»Il-kondizzjoni riskontrata fuq ir-rikorrenti … … … meta tolqot il-pulmun din tkun malinja hafna. Ġeneralment din tirriżulta bħala effett għal esposizzjoni għall-*asbestos*; kull tip *t'asbestos* jirriżulta li jagħmel il-ħsara. It-tul ta' żmien li persuna jista' jkun espost għaliha ma jagħmilx differenza. … … … l-effetti ta' tali esposizzjoni għall-*asbestos* jistgħu javveraw ruħhom wara tul ta' żmien. Fil-każ odjern l-esposizzjoni bdiet fl-1981 u l-marda ġiet skoperta fl-2008. Mill-esperjenza tal-istess espert mediku l-marda riskont-rata fuq ir-rikorrenti kienet ikkawżata mill-esposizzjoni tal-*asbestos*.

»Din il-qorti m'għandha l-ebda raġuni biex tiskonvolġi l-analisi u l-konkluż-joni tal-istess espert mediku regolarment nominat, u konsegwentement tagħmel tagħha l-konklużjonijiet li l-istess espert wasal għalihom.

»… … …

»Skont *fitter* li kien impjegat mal-istess intimat li kien jaħdem mar-rikorrenti, l-impjegati fil-garaxxijiet tal-intimat qatt ma ġew provduti b'maskri jew apparat ieħor ta' protezzjoni, kif isostni l-istess rikorrenti. *Senior technical officer* li wkoll kien jaħdem mal-intimat fil-garaxx in diżamina jikkonferma dak indikat fil-paragrafu preċedenti u jsostni li *boiler suits*, *safety shoes* u maskri kienu jingħataw biss lill-i*sprayers*, iżda għal xogħol ieħor, bħal dak li kien assenjat jagħmel ir-rikorrenti, ma kienx jingħata ilbies protettiv. Kull ma jirriżulta hu li kien hemm ventilazzjoni tajba.

»Riżultat tas-suespost jirriżulta paċifiku li r-rikorrenti miet bil-kundizzjoni speċifika fuq riskontrata. Jirrizulta paċifiku wkoll li din il-kundizzjoni żviluppat fir-rikorrenti riżultat tal-esposizzjoni li hu kellu għall-*asbestos*

meta hu kien impjegat mal-intimat fil-garaxx in diżamina, u dan riżultat tax-xogħol partikolari lilu assenjat kif fuq elenkat. L-*asbestos* in kwistjoni jirriżulta li kien użat fil-*brakes* u l-*clutches* tal-vetturi li r-rikorrenti kien hemm ordnat li jaħdem fuqhom.

»Fl-esekuzzjoni ta' tali xogħol jirriżulta assodat li qatt ma ngħata lbies protettiv jew adegwat biex ikun jista' jagħmel dan ix-xogħol b'inkolumità.

»L-intimat naqas li jipprova li kien hemm xi fattur iehor li seta' irriduċa lir-rikorrenti fl-istat riskontrat, tant li l-istess espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta irrespinġa din l-ipotesi professjonalment.

»Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-intimat jipprova jinsinwa li jista' jagħti l-każ li r-rikorrenti kellu kuntatt mal-*asbestos* f'xogħol li hu kellu f'perjodi sussegwenti għall-impjieg tiegħu mal-intimat. Apparti li tali insinwazzjoni kienet kategorikament riġettata mir-rikorrenti fl-*affidavit* tiegħu, l-intimat ma jressaq l-ebda prova in sostenn tal-istess. Għalhekk il-kuntatt li r-rikorrenti kellu mal-*asbestos* seħħ biss fil-perjodu bejn l-1981 u 1983 meta kien hekk impjegat mal-intimat.

»*Di più*, jirriżulta xjentifikament assodat mid-deposizzjoni tal-espert mediku fuq riferit li, kuntrarju għal dak li jsostni l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, esposizzjoni anke għall-perjodu żgħir hi biżżejjed biex tiskatta l-effetti devastanti riskontrati.

»Għalhekk, *in vista* tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ipprova li l-intimat hu unikament responsabbli għall-kundizzjoni li żviluppat fil-konfront tiegħu b'riżultat tal-esposizzjoni għall-*asbestos* li hu kellu minħabba x-xogħol lilu assenjat meta kien impjegat bħala *trainee / apprentice*" mal-istess intimat, u allura hu l-istess intimat li għandu jirrispondi għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti.

»Konsegwenza tas-suespost jiġi ribadit li l-vertenza odjerna tirrigwarda analisi tad-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat tax-xogħol lilu assenjat. Ir-risoluzzjoni tal-istess hi misjuba b'mod extra-kontrattwali fl-artikli 1031 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili … … … u b'mod kontrattwali a bażi tal-ksur tal-obbligi statutorjament imposti fuq min iħaddem fil-konfront tal-impjegati tiegħu bil-għan li jiġu evitati sinistri inutili fuq l-istess impjegati

»Għal fini tal-likwidazzjoni ta' danni jingħad sintetikament is-segwenti: *ai termini* tal-artiklu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili persuna responsabbli għal ħsara fuq persuna oħra għandha twieġeb għall-istess ħsara billi tagħmel tajjeb għal din il-ħsara bil-mod segwenti: 1. għat-telf effettiv minnha kkaġunat; 2. l-ispejjeż li l-parti li batiet il-ħsara setgħet inkorriet għalhekk fih; 3. it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali; 4. telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali.

»Fil-każ li bħala riżultat tad-dannu ikkaġunat il-persuna ddanneġġjata tmut, skont l-artiklu 1046 tal-istess Kodiċi riferit fil-paragrafu preċedenti r-rifużjoni titmexxa bil-mod segwenti: flimkien mat-telf u spejjeż ikkaġunati l-qorti tista' wkoll tagħti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bħal fil-każ ta' inkapaċità permanenti.

»Stabbilit is-suespost jinħtieġ issa li jiġi analizzat il-*quantum* tad-danni involut.

»A. *Damnum Emergens*:

»F'dan ir-rigward, għalkemm kien allegat li r-rikorrenti kien nefaq €8,100.00 personalment għall-kura partikolari somministrata lilu, jingħad li

ma ġew ippreżentati l-ebda riċevuti jew provi oħra fir-rigward. L-istess jista' jingħad fir-rigward tal-proġetti li r-rikorrenti kellu għall-kumpannija tiegħu.

»B. *Lucrum Cessans*:

»Id-dħul tar-rikorrenti *de cuius* kien ta' medja ta' tnejn u għoxrin elf, erba' mija u sitta u disgħin euro (€22,496.00). Id-dħul għall-għoli tal-ħajja kien ta' tliet mija u tliet euro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€303.78). Peress li r-rikorrenti miet ta' sitta u erbgħin (46) sena allura l-għoli tal-ħajja tiġi moltiplikata għal ħdax-il darba. Allura dan il-kap tal-għoli tal-ħajja għandu jkun ekwivalenti għal tliet elef, tliet mija u wieħed u erbgħin euro, u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€3,341.58).

»Għalhekk il-qligħ komplessiv taż-żewġ kapi hawn riprodotti jammonta komplessivament għal ħamsa u għoxrin elf, tmien mija u sebgħa u tletin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€25,837.58) – senjatament: €22,496.00 + €3,341.58 = €25,837.58.

»Jiġi sottolineat li mhux ser jittieħed kont tal-qligħ li kienet tagħmel is-soċjetà *TPG Malta Limited*, *stante* li l-qligħ mill-istess kien jintuża biex jiżdied l-i*stock*.

»Rigward il-*multiplier* jingħad sintetikament is-segwenti:

«Meta r-rikorrenti miet hu kellu 46 sena. Għalhekk sejjer jintuża *multiplier* ta' ħdax-il sena – u dan anke bi qbil tal-partijiet kif jirriżulta min-noti ta' sottomissjonijiet minnhom ippreżentati.

»Rigward id-dizabilità riskontrata għandu jkun paċifiku li l-mewt tar-rikorrenti ssuperat dak il-persentaġġ stabbilit mill-espert mediku nominat minn din il-qorti diversament preseduta ta' 50%, u għandu issa jitqies bħala ekwivalenti għal 100%.

»Għalhekk il-*lucrum cessans* għandu jinħadem bil-mod segwenti:

»€25,837.00 x 100% x 11 = €284,213.28

»Fir-rigward tal-*lump sum payment* jingħad sintetikament is-segwenti:

»… … …

»Il-kawża ġiet intavolata fit-3 ta' Ġunju, 2009; is-sentenza qegħda tingħata fit-8 ta' Novembru 2016. Allura jiġi li s-sentenza qed tingħata seba' snin u ħames xhur wara li kienet intavolata. Għalhekk jiġi sottolineat li għandu jsir tnaqqis ta' għaxra fil-mija (10%).

»Allura fid-dawl tas-suespost l-ammont ta' danni għandu jinħadem bil-mod segwenti:

»€284,213.28 – 10% = €255,792.06

»*Di più* għandu jiġi ikkonsidrat li fil-perjodu in diżamina kien hemm ukoll konsum personali li *arbitrio boni viri* qed tiġi kkalkolat fl-ammont ta' għoxrin fil-mija (20%).

»Tenut kont tal-istess id-danni finali għandhom jiġu kwantifikati b'dan il-mod:

»€255,792.06 – 20% (€51,158.41) = €204,633.65.

»Għalhekk l-ammont ta' danni likwidat f'din il-proċedura hu ta' mitejn u erbat elef, sitt mija u tlieta u tletin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€204,633.65).«

10. Il-konvenut appella b'rikors tal-25 ta' Novembru 2016 li għalih wieġeb l-eżekutur testamentarju tal-wirt tal-attur fl-14 ta' Diċembru 2016.

11. L-appell jolqot l-apprezzament tal-provi tal-ewwel qorti, partikolarment il-konklużjoni li l-konvenut biss huwa responsabbli għall-marda li ħakmet lill-attur. Il-konvenut ifisser l-aggravji tiegħu hekk:

> »… … … il-motivazzjoni mogħtija mill-ewwel onorabbli qorti li wasslitha għall-konklużjoni tagħha li d-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet huwa unikament u esklusivament responsabbli tal-marda tal-*mesothelioma* li biha qed isofri r-rikorrenti hija manifestament żbaljata meta mill-atti joħroġ ċar is-segwenti:
>
> »Il-perjodu qasir li għamel s-Sur Pullicino bħala apprentist mal-gvern *stante* li kien jaħdem bħala *trainee / apprentice* bejn Novembru 1981 u Jannar 1983 biss, u f'dan il-perjodu taħt l-*extended skill training scheme* kien jattendi jumejn l-iskola u tlett ijiem prattika fid-Dipartiment tal-Manifattura u Servizzi.
>
> »(i) matul dan il-perjodu qasir ta' tliet darbiet f'ġimgħa għal tlettax-il xahar, ir-rikorrenti kien jaħdem f'*Nissen Huts* li kien ikollhom bibien kbar ħafna u għalhekk jippermettu ċirkolazzjoni tajba ħafna tal-arja, u kull tip ta' trab li jiġi kkaġunat jitlaq minnufih mill-*huts*;
>
> »(ii) il-fatt li waqt dan l-istess perjodu tal-apprentistat ir-rikorrenti kien impjegat postijiet oħra fejn fihom kien jagħmel xogħol ta' l-istess tip u għaldaqstant seta' faċilment ġie espost għal *asbestos* minn hemm;
>
> »(iii) wara dan il-perjodu qasir li fih prattika mal-gvern, l-appellat fetaħ negozju tiegħu fil-qasam tal-*parts* u żarmar tal-karozzi liema xogħol ukoll jesponi bniedem għall-*asbestos*;
>
> »(iv) mhux minnu li kien hemm xi traskuraġni min-naħa tal-gvern; anzi, kif ġie ampjament provat, is-saħħa tal-ħaddiema minn dejjem kienet tingħata prijorità billi kien jiġi provdut lilhom kull tagħmir protettiv skont l-i*standards* ta' dak iż-żmien. Dawn jinkludu nuċċalijiet, maskri, ingwanti, *boiler suits* kif ukoll *safety shoes* biex ikun imminimizzat kemm jista' jkun kull periklu li jista' jinqala'. Minkejja dan l-isforz min-naħa tal-gvern però, ġieli kienu dawk id-drabi fejn il-ħaddiema ma kinux jilbsu dan l-ilbies protetti li jkun ingħatalhom;
>
> »(v) fil-perjodu tat-tmeninijiet kien hawn nuqqas kbir ta' għarfien dwar il-perikli li jikkawża l-*asbestos*. L-*asbestos* kien preżenti mhux biss fil-qasam awtomobilistiku iżda wkoll fil-kostruzzjoni bħal tankijiet tal-ilma u *pipes* tad-djar u għalhekk bniedem jaf kien espost għal *asbestos* minn diversi postijiet;
>
> »(vi) difatti f'Malta l-għarfien fuq il-periklu tal-*asbestos* beda għal ħabta tas-sena 1994 u għaldaqstant l-*asbestos* kien jinxtara liberament u b'mod legali sakemm saret il-projbizzjoni fis-sena 1994 permezz ta' Avviż Legali 129/94. Isegwi li, fil-perjodu ta' meta s-Sur Pullicino kien apprentist, l-*asbestos* kien użat b'mod komuni mill-kumpanniji li jipproduċu il-*brake systems* tal-vetturi.

»Għalhekk huwa neċessarju li din l-onorabbli qorti tissindika l-eżerċizzju diskrezzjonali tal-ewwel onorabbli qorti billi tieħu in konsiderazzjoni l-fatti suesposti liema fatti ġew, fl-umli fehema tal-esponenti appellanti, illoġikament skartati mill-ewwel onorabbli qorti.«

12. L-eżekutur testamentarju tal-attur wieġeb hekk:

»L-uniku aggravju tal-intimat appellant hu illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi. Apparti li dan mhux il-każ, kif jiġi sottomess aktar 'il quddiem, l-esponenti jibda biex jissottometti illi "huwa neċessarju li tiġi mfakkra l-ġurisprudenza kostanti ta' din il-qorti in materja fis-sens li hi ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti tal-provi miġjuba quddiemha jekk mhux għal raġunijiet validi wara li din il-qorti tkun eżaminat il-provi u l-liġi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel qorti ma setgħetx, legalment jew raġjonevolment, tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha" – App. <u>Isabelle Borg *et v.* Robert Galea *et*</u>, deċiża 3/3/2011.

»Fir-rikors tal-appell tiegħu, l-intimat jelenka erba punti fejn, skond hu, l-ewwel qorti ma ħaditx ċertu "fatti" in konsiderazzjoni:

»(i) Il-perijodu qasir li Pullicino dam jaħdem mal-intimat: erbatax-il xahar f'kuntatt dirett mat-trab tal-*asbestos* huwa aktar minn biżżejjed biex iwassal għal *mesothelioma cioè* tip ta' kanċer li jiġi kkawżat esklusivament meta wieħed jiġi f'kuntatt dirett mall-*asbestos*. Dan ġie stabbilit, mhux kontradett, mill-evidenza medika – mhux kontradetta – imressqa quddiem l-ewwel qorti. L-espert nominat mill-qorti, l-konsulent Prof. Joseph Cacciattolo, xehed illi esposizzjoni anke għal perijodu żgħir hu biżżejjed biex tiskatta l-effetti ta' *mesothelioma*, li n-*nexus* ta' kawżalità bejn it-tip ta' xogħol li kien jagħmel Pullicino u l-marda li żviluppa hija waħda illi toqrob lejn iċ-ċertezza assoluta u li tali marda titfaċċa numru twil ta' snin wara li dik il-persuna tkun ġiet esposta għall-*asbestos*.

»(ii) Ir-rikorrenti kien impjegat postijiet oħra fejn "seta' faċilment ġie espost għal *asbestos* minn hemm". Il-provi mressqa quddiem l-ewwel qorti dwar dan il-punt huma elenkati fis-*sunto* ta' dawn il-provi li jinsabu fis-sentenza tal-ewwel qorti. L-appellanti, konsapevoli li dak sottomess minnu mhux korrett, juża l-kelma "seta'" ġie espost għal *asbestos* u mhux li ġie espost; korrettement, l-ewwel qorti skartat din il-"possibbiltà" – billi kollox huwa possibbli – għax kontradetta mill-provi u l-appellant anqas ressaq xi prova li setgħet b'xi mod tersaq imqar għall-probabbiltà.

»(iii) Fit-tielet punt, l-appellanti ssottometta illi "l-appellat fetaħ negozju tiegħu fil-qasam tal-*parts* u żarmar tal-karozzi liema xogħol ukoll jesponi bniedem għall-*asbestos*": Dan mhux minnu! Ġie miċħud kategorikament li huwa hekk. L-importazzjoni ta' *parts* ta' vetturi ma jesponi lil ebda persuna għat-trab tal-*asbestos*. Kuntrarjament għal dak li jingħad mill-appellanti, huwa qatt ma kien involut fiż-żarmar ta' karozzi.

»(iv) "Mhux minnu li kien hemm xi traskuraġni min-naħa tal-gvern." Dan il-punt ġie maqsum fi tnejn mill-appellanti: (a) illi l-gvern kien jipprovdi lill-impjegati b'nuċċalijiet, maskri, ingwanti, *boiler suits* kif ukoll *safety shoes*; u (b) fil-perijodu in kwistjoni, kien hemm nuqqas kbir ta' għarfien dwar il-perikli li jikkawża l-*asbestos*.

»(a) Mill-provi mressqa mill-appellat (l-appellat, Consiglio Portelli u Henry Micallef) irriżulta illi l-gvern ma kienx jipprovdi lbies protettiv; kien jipprovdi

biss *boiler suits* u, skond ix-xhieda tal-appellant, *safety shoes* lill-ħaddiema fil-qasam ta' *spraying*; il-maskri ma ssemmew imkien ħlif dwar dawk il-ħaddiema li kienu involuti fl-i*spray*, u bir-raġun u l-loġika: jekk, skond l-appellant, ma kienx hemm għarfien dwar il-perikli li jikkawża l-*asbestos*, huwa kontradittorju illi jingħad illi kien jipprovdi maskri kontra periklu li ma jafx bih. Ovvjament anke kieku kien jipprovdi *boiler suit* u *safety shoes* l-aktar sofistikati, dawn ċertament ma kinux ser jilqgħu għal *inhalation* tat-trab tal-*asbestos*.

»(b) Kif ġie sottomess fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-esponenti ppreżentata quddiem l-ewwel qorti, "it-tossoċità tal-*asbestos* kienu diġà ndunaw biha r-Rumani fl-ewwel seklu; difatti, Gaius Cæcilius Cilo (61 AD – *c.* 113 AD), magħruf bħala Plinju iż-Żgħir, avukat u maġistrat f'Ruma antika, kiteb illi l-ilsiera illi kienu jaħdmu fl-*asbestos* kienu kollha jimirdu". Fl-1924, kienet saret l-ewwel dijanjosi xjentifika tal-*asbestosis* fl-Ingilterra, u fl-Istati Uniti l-*Asbestos Industry Regulations* daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1932 sabiex il-ħaddiema f'din l-industrija jiġu protetti mill-effetti tal-*asbestos*. Il-Gvern Malti rrealizza għexiren ta' snin wara li pajjiżi industri-alizzati stabbilew sebgħin sena qabel illi l-kuntatt mal-*asbestos* huwa mhux biss perikoluż iżda f'ħafna każi fatali għandu jwieġeb għalih l-istess appellant. Minħabba dan l-atteġġjament tiegħu, ma pprovdix ilbies protettiv lill-ħaddiema meta huwa għandu obbligu li jipprovdi *a safe system of work*.

»4. L-esponenti jerġa' jirreferi għas-sentenzi ta' dina l-qorti fejn din il-kwistjoni tal-*asbestos* ġiet kkunsidrata u deċiża, *cioè* <u>Neville Desira *et v.* Grech & Company Ltd *et*</u>, deċiża minn din il-qorti fit-2/12/2005, fejn din il-qorti qalet illi "l-fatt li l-*asbestos* seta' jiġi importat ma jnaqqas xejn mir-responsabbiltà tal-konvenuti li jadempixxu d-doveri tagħhom …"; fil-kawża <u>Carmena Fenech *et v.* Chairman Malta Drydocks *et*</u> – deċiża minn dina l-Qorti fit-3/12/2010 – l-appell tat-Tarzna kien ukoll imsejjes fuq l-argument illi t-Tarzna ma kinetx taf, fiż-żmien rilevanti, bil-periklu tal-*asbestos*. Fis-sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell qieset illi l-effetti tal-*asbestos* kienu magħrufa sew sa mis-snin sittin u sebgħin, u la darba l-effetti kienu diġà magħrufa ma kien hemm xejn xi jwaqqaf lill-intimati (it-Tarzna) sabiex idaħħlu kull miżura fuq il-post tax-xogħol illi ssaħħaħ is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema u tassigura *a safe system of work*; il-fatt li dan ma sarx jammonta għal negliġenza da parti ta' min iħaddem.

»5. Fl-aħħarnett, l-esponenti jissottometti illi l-appell mressaq mill-appell-anti huwa wieħed frivolu u vessatorju kemm għaliex l-aggravji huma mibnija fuq distorsjoni tal-provi mressqa quddiem l-ewwel qorti, kif ukoll għaliex il-punti kollha sottomessi fir-rikors tal-appell diġà ġew kunsidrati u deċiżi minn dina l-onorabbli qorti f'sentenzi li kellhom fattispeċje identiċi. Għalhekk, l-esponenti jissottometti illi dina l-onorabbli qorti għandha teżerċita id-disposizzjoni tal-art. 223(4) tal-Kap. 12.«

13. Dwar ir-rwol tal-Qorti tal-Appell fl-apprezzament tal-provi, il-posizzjoni korretta hija kif imfisser minn din il-qorti fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2014 fl-ismijiet <u>Antoinette Cutajar *v.* Onor. Joseph Muscat *et*</u>:

»7. … … … . Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta'

> xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.«

14. Ngħaddu mela għall-meritu tal-appell.

15. Ma huwiex kontestat illi fiż-żmien li l-attur kien jaħdem mal-konvenut kien espost għall-*asbestos*. Il-konvenut iżda qiegħed igħid illi dan ma għandux ifisser illi huwa hu jew hu biss li jwieġeb għall-konsegwenzi.

16. L-argumenti essenzjalment huma erbgħa: i. illi l-attur għamel biss żmien qasir jaħdem mal-appellant; ii. illi l-appellant kien jipprovdi tagħmir protettiv; iii. illi l-perikoli tal-*asbestos* ma kinux magħrufa fiż-żmien meta l-attur kien impjegat mal-appellant; u iv. illi l-appellant seta' kien espost għall-*asbestos* minn ambjenti oħra, mhux biss waqt l-impjieg mal-appellant.

17. L-ewwel tliet argumenti huma essenzjalment fiergħa.

18. Il-fatt illi l-attur għamel żmien qasir mal-konvenut ma jeskludix il-possibilità li ġibed l-*asbestos* man-nifs f'dak iż-żmien. L-espert mediku kkonferma illi kuntatt ukoll għal żmien qasir huwa biżżejjed biex ikun kawża tal-marda.

19. It-tagħmir protettiv imsemmi mill-appellant ma hu ta' ebda utilità fiċ-ċirkostanzi. Il-*boiler suits*, ingwanti u *safety shoes* ovvjament ma jipproteġux kontra veleni li jidħlu man-nifs. Iċ-ċirkolazzjoni tal-arja tista' tgħin iżda tista' wkoll iżżid iċ-ċirkolazzjoni tat-trab tal-*asbestos*; dak li hu

meħtieġ huwa illi t-trab tal-*asbestos* ikun siġillat ermetikament biex f'ebda waqt ma jista' jidħol man-nifs, meta tqis illi kwantità żgħira hija ġà biżżejjed.

20. Il-maskri jekk magħmula sew setgħu kienu protezzjoni tajba u biżżejjed, iżda mix-xiehda ħareġ illi dawn il-maskri kienu jigħataw biss lil *sprayers* u mhux lil min kien jagħmel xogħol bħal dak tal-attur.

21. Ma huwiex minnu wkoll illi l-perikoli tal-*asbestos* ma kinux magħrufa fiż-żmien meta l-attur kien impjegat mal-appellant. Bla ma hemm għalfejn immorru lura għal żmien Plinju ż-Żgħir, il-perikoli tal-*asbestos* kienu magħrufa fost dawk li jaħdmu fil-qasam, jekk mhux fost il-popolazzjoni ġenerali, sa mill-inqas mis-snin ħamsin tas-seklu ta' qabel dan, u l-konvenut li jħaddem nies f'dan il-qasam huwa mistenni li jkun fost dawk li jżommu ruħhom aġġornati bl-aħħar tagħrif.

22. Wieħed huwa l-argument tal-appellant li jista' jkollu relevanza għall-għanijiet ta' din il-kawża, għax jekk l-attur kien espost għall-*asbestos* fl-ambjent tax-xogħol mal-konvenut biss, mela bilfors illi l-kontaminazzjoni seħħet f'dak l-ambjent; jekk iżda hu minnu li l-attur kien espost għall-*asbestos* minn ambjenti oħra, mela jista' jkun ukoll illi l-kontaminazzjoni seħħet, jew seħħet ukoll, f'ambjenti oħra.

23. Ambjent ieħor fejn l-attur seta' kellu kuntatt mal-*asbestos* kien meta kien jaħdem għal rasu mill-1983 u sussegwentement waqqaf ukoll kumpannija b'negozju ta' importazzjoni u bejgħ ta' *parts* tal-vetturi, fosthom *parts* li jkunu *second hand*. F'*affidavit* maħluf fit-13 ta' Jannar 2010 fisser dan in-negozju tiegħu hekk:

> »Mis-sena 1983 'il quddiem jiena kont bdejt in-negozju tiegħi li eventwalment waqqaft kumpannija tiegħi fl-istess linja, u li jikkonsisti fl-importazzjoni u bejgħ ta' *parts* tal-vetturi, fil-maġġor parti *body parts*. Jiena llum id-direttur ta' dina l-kumpanija li jisimha T.*P.G. Malta Limited*.«[4]

24. Iżda kompla jixhed hekk:

> »Ngħid u nikkonferma illi, sa fejn jiena konxju, fl-ebda xogħol tiegħi wara illi tlaqt mill-garaxx tal-gvern ma kelli kuntatt dirett mal-*asbestos* u għalhekk ngħid illi, fis-snin kollha illi ili naħdem, kien biss fil-garaxx tal-gvern illi kelli kuntatt kif semmejt.«[5]

25. Madankollu, relevanti wkoll hija x-xiehda ta' Charles Scerri, awditur tal-kumpannija tal-attur, li qal hekk:.

> »... ... ... Xogħol din il-kumpannija kien illi tixtri *parts* ta' karrozzi minn barra u mil-lokal u jitqassmu lill-*wholesalers* u lill-*insurance companies*. Mistoqsi jekk is-soċjetà *TPG Malta Limited* kenitx tixtri karozzi mfarrka ngħid iva. Kien iżarma dawn il-karozzi hu stess bil-lavranti tiegħu.«[6]

26. Xehdet ukoll Ashley Pullicino, bint l-attur, u wkoll qalet illi l-attur "kien ukoll jagħmel xi żarmar ta' xi *components*"[7]. Kien ukoll l-attur stess li ddikjara li qabel ma ħakmitu l-marda kien ikun ix-xogħol jaħdem il-ħin kollu[8].

27. Meta tqis illi l-attur kien jimporta, ibigħ u jżarma mhux biss *parts* ġodda iżda wkoll dawk *second-hand*, li dak iż-żmien ukoll kellhom komponenti tal-*asbestos*, mhux imġebbed l-argument tal-konvenut illi x'aktarx li l-attur kien espost għall-*asbestos* mhux biss fiż-żmien li dam jaħdem mat-Taqsima tax-Xogħlijiet iżda wkoll mis-sena 1983 'il quddiem. Għalhekk din il-qorti ma tistax taqbel mal-ewwel qorti meta din tgħid kategorikament illi

---

4 *Fol.* 30

5 *Ibid.*

6 *Fol.* 118

7 *Fol*. 305

8 *Fol*. 32

l-marda tal-attur "ġiet ikkawżata unikament u esklusivament minħabba x-xogħol tiegħu" mal-konvenut.

28. Tassew illi biżżejjed kuntatt ta' darba mal-*asbestos* biex iwassal għall-marda, iżda meta timxi fuq bażi ta' probabilità ovvjament il-probabilità hija ogħla aktar ma jtul fiż-żmien il-kuntatt.

29. Il-possibilitajiet huma tlieta: jew i. il-kuntatt li nzerta fatali kien fiż-żmien meta l-attur kien jaħdem mal-konvenut, jew ii. kien meta l-attur kien jaħdem għal rasu (jew mal-kumpannija tiegħu), jew iii. kien hemm aktar minn kuntatt fatali wieħed u dawn seħħew kemm meta l-attur kien jaħdem mal-konvenut u kemm meta kien għal rasu. Fit-tielet każ ir-responsabilità tkun maqsuma kif igħid l-art. 1050 Kod. Ċiv.; fl-ewwel każ ir-responsabilità tkun tal-konvenut waħdu; u fit-tieni każ ma jkunx hemm responsabilità tal-konvenut. Dawn il-possibilitajiet huma kollha miftuħa għax ma huwiex magħruf jekk kienx biss kuntatt ta' darba li wassal għall-marda, u jekk dak il-kuntatt ta' darba seħħx meta l-attur kien jaħdem mal-konvenut jew fi żmien ieħor.

30. Dan ma jkunx ifisser illi l-konvenut jinħeles mir-responsabiltà, għax il-probabilità li l-kawża tal-marda kienet fiż-żmien tal-impjieg mal-konvenut hemm tibqa'. Min jikkontribwixxi għall-perikolu għalkemm ma jintweriex li kien hu li għamel il-ħsara ma għandux jinħeles mir-responsabilità, kif igħallem Ulpjanu:

> »Sed si plures servum percusserint, utrum omnes quasi occiderint teneantur, videamus. et si quidem apparet cuius ictu perierit, ille quasi occiderit tenetur: quod si non apparet, omnes quasi occiderint teneri

> iulianus ait, et si cum uno agatur, ceteri non liberantur: nam ex lege aquilia quod alius præstitit, alium non relevat, cum sit poena.«[9]

31. Il-grad meħtieġ ta' prova f'kawża bħal dik tallum huwa dak tal-probabilità, u meta jikkonkretizza ruħu l-perikolu (billi l-attur jimrad) hemm il-probabilità (għalkemm fil-każ tallum hija ċ-ċertezza) illi l-ħolqien tal-perikolu (l-esposizzjoni għall-*asbestos*) kien il-kawża tar-riżultat (il-marda). Minn hemm toħroġ ir-responsabilità. Fil-każ tallum hemm żewġ kawżi probabbli tal-marda (xogħol mal-konvenut u xogħol għal rasu) u għalhekk ir-responsabilità taqa' fuq it-tnejn. Il-fatt li mhux magħruf liema kienet effettivament il-kawża – jew kinux it-tnejn flimkien – ma teskludix ir-responsabilità għax il-probabilità hemm tibqa', u jkun fuq il-konvenut l-oneru li jeskludi li l-kontaminazzjoni seħħet meta l-attur kien impjegat miegħu.

32. Li tirraġuna mod ieħor ikun ifisser illi meta tnejn min-nies ikunu ħolqu l-perikolu iżda ma ma jintweriex min minnhom kien li effettivament għamel il-ħsara għalkemm bilfors kien wieħed minnhom, mela ħadd minnhom ma jista' jitqies responsabbli u jkun, fi kliem Ġuljanu, *longe absurdius neutrum lege aquilia teneri*[10]![11]

---

9 Dig. 9.2.11.2 Ulpianus 18 ad ed.

10 Dig. 9.2.51.2 Iulianus 86 dig.

11 Din hija s-soluzzjoni li tagħti l-ġurisprudenza tal-*Cour de Cassation* ta' Franza bid-dottrina ta' *causalité alternative*; ara *e.g. Cour de cassation*, *Chambre civile 2*, 13 ta' Marzu 1975, *arrêt nº* 73-13961, u *Cour de cassation*, *Chambre civile 1*, 24 ta' Settembru 2009, *arrêt nº* 08-10081 u 08-16305.

L-art. 830(1) tal-*BGB* tedesk għandu disposizzjoni speċifika fuq kawżi alternativi ta' ħsara u jagħti l-istess soluzzjoni:

> § 830 Joint tortfeasors and persons involved:
>
> (1) If more than one person has caused damage by a jointly committed tort, then each of them is responsible for the damage. The same applies if it cannot be established which of several persons involved caused the damage by his act.
>
> § 830 Mittäter und Beteiligte:
>
> (1) Haben mehrere durch eine gemeinschaftlich begangene unerlaubte Handlung einen Schaden verursacht, so ist jeder für den Schaden verantwortlich. Das

33. Billi l-oneru tal-prova huwa wieħed ta' probabilità, il-kwota ta' responsabilità tal-konvenut tiddependi fuq il-probabilità li l-kontaminazzjoni seħħet fl-ambjent tal-konvenut imqabbla mal-probabilità li seħħet f'ambjenti oħra.

34. Tassew illi ż-żmien li l-attur għamel mal-konvenut huwa relativament qasir meta mqabbel maż-żmien li kien jaħdem għal rasu għax kien baqa' jaħdem sal-2008 meta beda jħoss l-ewwel sintomi tal-marda. Madankollu fi żminijiet eqreb tallum l-użu tal-*asbestos* beda jinqata' u għalhekk x'aktarx li mhux għaż-żmien kollu li kien jaħdem għal rasu l-attur baqa' espost għall-*asbestos*. Irrdu nqisu wkoll illi kuntatt f'okkażjoni waħda jista' jkun biżżejjed biex iwassal għall-marda. Meqjusa dawn il-fatturi l-qorti hija tal-fehma li jkun xieraq illi l-konvenut iwieġeb għal nofs (½) tad-danni li ġarrab l-attur.

35. Ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni likwidati mill-ewwel qorti fis-somma ta' mitejn u erbat elef, sitt mija u tlieta u tletin euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€204,633.65). Sehem il-konvenut għalhekk jiġi mija u elfejn, tliet mija u sbatax-il euro (€102,317).

36. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn sabet lill-konvenut waħdu responsabbli għad-danni li

---

> Gleiche gilt, wenn sich nicht ermitteln lässt, wer von mehreren Beteiligten den Schaden durch seine Handlung verursacht hat.

Il-*Principles, Definitions, and Model Rules of European Private Law – Draft Common Frame of Reference* imħejji mir-*Research Group on EC Private Law (Acquis Group)* u l-*Study Group on a European Civil Code* ukoll jagħti l-istess soluzzjoni:

> VI. – 4:103: Alternative causes:
>
> Where legally relevant damage may have been caused by any one or more of a number of occurrences for which different persons are accountable and it is established that the damage was caused by one of these occurrences but not which one, each person who is accountable for any of the occurrences is rebuttably presumed to have caused that damage.

ġarrab l-attur u tgħid, minflok, illi l-konvenut għandu jwieġeb għal nofs (½), u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-wirt tal-attur mija u elfejn, tliet mija u sbatax-il euro euro (€102,317) b'titolu ta' danni, flimkien mal-imgħaxijiet legali minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata sa meta jsir il-ħlas. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr